*studenti, li, għalkemm tkaxkru sakemm għaddew mill-għatba ta' l-Università, baqgħu għajjiena. Din hi l-ħtija wkoll li minn xi snin 'il hawn oħrajn li ħarġu minn xi skejjel ma wrewx li l-Malti jafuh grammatikalment sewwa bħal oħrajn li qabel kienu tgħallmuh fuq prinċipji u metodi iżjed razzjonali minn tal-lum.*

*Aħna nafu illi l-lum l-istudent hu mgħobbi bi studji oħra li jiħtieġlu jilħaq magħhom ukoll, studji li huma ta' importanza kbira, iżda sew għal dawk li 'l quddiem ma jkollhomx bżonn ħlief jingdew bil-Malti, kemm għal dawk li, barra mill-Malti, jiħtieġu għal finijiet industrjali, tekniċi jew professjonali jkunu jafu sewwa bl-Ingliż, kif ukoll xi lsien barrani ieħor, il-Malti l-lum jiħtieġ li jkunu jafuh skond ma jixraq sew bħala mezz ta' tagħlim tekniku, reliġjuż, didattiku għat-tagħlim ta' ilsna oħra, kemm bħala lsien uffiċjali fil-qrati u f'dokumenti legali u kommerċjali u għal xi korrispondenza familjari, jew għal xi qari utili, l-iktar għal dawk li ma jafux ħlief bil-lsien Malti.*

*Sakemm il-Malta kien fil-bidu tal-ħajja letterarja u uffiċjali tiegħu kienet ħaġa ta' min jagħdirha li avukat, nutar, skrivan, eċċ., ma jkunx jaf jikteb il-Malti kif jixraq, iżda l-lum li l-Malti ilu fl-iskejjel għal madwar għoxrin sena huwa għajb kbir li l-Malti għadu jinkiteb ħażin ukoll minn nies li ma ilhomx li ħarġu mill-Iskejjel.*

*Mat-tnax-il sena ilu f'editorjal ta' "Il-Malti" kien hemm xi osservazzjonijiet fuq it-tagħlim tal-Malti fl-iskejjel li fihom kien jidher li wkoll sa minn dik il-ħabta t-tagħlim tal-Malti kien qed jitnaqqas mill-importanza tiegħu. Ma jidhrilniex li għandna ntennu b'paragrafu b'paragrafu dak li ntqal fuq hekk f'dan l-editorjal għax nibżgħu li nħammru iżjed minn wiċċ wieħed. Intennu biss xi osservazzjoni żgħira li tista' żżid mal-piż ta' kliemna. F'wieħed mill-paragrafi kien intqal:* Nistgħu ngħidu li aħna issa mexjin fuq art soda, li minn waqt għal ieħor saqajna ma jirfsux fuq biċċa art qarrieqa li titfagħna ġewwa xi dagħbien għalkemm it-triq tidher watja u sħiħa? — Għad illi sakemm ilħaqna f'tarf ta' triq li minnha telgħin għal fuq il-għolja tal-Lsien Malti aħna għalibna x-xkiel ta' bosta ħotob u ħofor u rdum...... u l-Lsien Malti sab ruħu mqiegħed ma' ġenb il-għamara ta' ilsna wisq ixjeħ minnu bħala ilsna skolastiċi u akkademiċi, aħna m'għandniex nitqarrqu b'dik il-qagħda hekk sabiħa tal-Malti, il-għaliex iekk iktarx iċ-ċirkostanzi politiċi setgħu fetħu t-triq lill-Malti



biex jitwettaq fil-qagħda tiegħu tal-lum, ċirkustanzi oħra jistgħu dlonk jinbtu—u kif jidher qegħdin bil-ħajra li jinbtu—bil-ħsieb li jwarrbu l-Malti mill-qagħda sabiħa li fiha jinsab, billi jibdew inaqqsulu xi jedd mill-iċken skejjel u jispiċċaw biex bil-ftit ftit...... ilewtuh il barra mill-bibien ta' skejjel oħra, skejjel sekondarji u klassijiet Universitarji.

Aħna nittamaw li dana ma jiġrix, iżda biex ma jiġrix jiħtieġ nftħu għajnejna u nilqgħu ruħna fil-waqt.

*Il-lum aħna mill-banda tagħna nistgħu ntennu l-biċċa l-kbira li ntqal f'dak l-editorjal għaliex milli jidher it-tehdida flok ma naqset qiegħda tikber u għalhekk jinħtieġ li aħna nilqgħu l-periklu billi l-ewwelnett nuru l-ħtieġa illi t-tagħlim tal-Malti* għandu jinbeda *fuq metodu ta' tagħlim sod mibni fuq pedamenti grammatikali li fil-Malti huma l-qofol ta' kitba tajba.*

---

## DOQQU JA QNIEPEN

*Ta'* C. CASSAR

Teptip ta' kwiekeb, ġmiel fis-sema w ħlewwa,
Żerniq u safa', qmura sbieħ u dija,
Baħar ħiemed bla mewġ, dwal barra u ġewwa,
Tisfir ta' sfafar, daqq, qbiż u bżulija.

Heġġa fil-qlub u maħfra bejn l-għedewwa,
Erwieħ ferħana f'telqa ferreħija,
Ir-riżq imxerred fuq il-Ħaqq u s-Sewwa,
Imħabba safja u bews ta' ħbiberija.

Nisa jisahru tul il-lejl ferħana,
Tfal jaqbżu donnhom ħrief, xjuħ imbissmin,
Holm iż-żgħożija fuq ġwenħajn il-għana,

Mal-Missier wieħed marbutin l-ulied,
Smewwiet u art jitgħannqu ma' xulxin.
Doqqu ja qniepen, wasal il-Milied.